# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 797/00**

**Numru**

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' assikurat taghha Francis Attard u l-istess Francis Attard**

**vs**

**George Frendo**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta attrici nomine et ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija disgha u tletin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm639.84) dovuta in kwantu ghal erbgha mija disgha u tmenin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm489.84) lill-kumpanija mittenti ghas-somma minnha sborsata taht polza u in kwantu ghal mija u hamsin lira Maltin (Lm150) lill-mittenti

Francis Attard ghas-somma mhallsa minnu bhala 'excess' u dawn ghad-danni sofferti rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Mejju 1998 fi Qrendi Road, Qrendi bejn vettura tal-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni BAF 832 li fil-hin ta' l-incident ma kienetx licenzjata u inxurjata, u l-vettura bin-numru AAF 236 appartenenti lil Francis Attard u misjuqa minn Marcette Attard, liema kollizjoni grat unikament tort tal-konvenut.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici nomine et sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-4 ta' Marzu 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici nomine et s-somma ta' Lm489.94,0 u lill-attur Francis Attard is-somma ta' Lm150 bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Avviz Nru 797/00 JAB

Alan Calleja
Dep.Reg